MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 1271/2007

Paolo **Borg u martu Maria Borg ghal kull interess li jista' jkollha kif ukoll Tanya Falleta u Paolo Falletta ghal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**Salvatore Spiteri u martu Teresa Spiteri, kif ukoll Mario Spiteri, Emanuel sive Noel Spiteri, Maria Lourdes Zammit u Rita Mangion ghal kull interess li jista jkollhom**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tat-18 ta' Jannar 2008 li jghid hekk:

Illi permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dr. Victor Bisazza tat-2 ta' Dicembru 2005, kopja tieghu hawn anness u mmarkat Dokument A, il-kontendenti kienu ghaddew ghad-divizjoni ta' diversi propjetajiet immobbli u dan wara li sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' Ottubru 2004 cahdet it-talbiet tar-rittrattant Salvu Spiteri (wiehed mill-intimati) fil-kawza "Paolo Borg et vs Salvu Spiteri" u b'hekk s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet preciatti datata 30 t'Ottubru 2001, li tikkonferma s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' Novembru 1998 fl-istess ismijiet precitati (Citaz. 667/87NA), saret res gudikata.

Illi meta l-kontendenti ressqu ghall-kuntratt ta' divizjoni precitat sar zball f'taqsima partikolari tal-kuntratt in kwistjoni propju f'dik il-parti li qeghda tassenja xi propjetajiet immobiljari lir-rikorrenti b'mod li r-rikorrenti hadu inqas minn dak li gie ordnat favurihom mill-Qorti bis-sentenzi precitati.

Illi dan jirrendi l-kuntratt precitat u cioe dak tat-2 ta' Dicembru 2005 bhala null u bla effett legali limitatament f'dik it-taqsima ossia parti tieghu li ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza i dan ai termini tal-artikoli 974 u 976 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikoli 1212 u 1222 u 1223 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-rexxissjoni tal-kuntratt precitat.

Jghidu ghalhekk l-intimati in vista tal-premess il-ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara li l-kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Victor Bisazza tat-2 ta' Dicembru 2005, Ii permezz tieghu l-kontendenti kienu ghaddew ghad-divizjoni ta' diversi propjetajiet immobbli u dan wara li sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' Ottubru 2004 cahdet it-talbiet tar-rittrattant Salvu Spiteri (wiehed mill-intimati) fil-kawza "Paolo Borg et vs Salvu Spiteri" u b'hekk is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet precitati datata 30 t'Ottubru 2001, li tikkonferma s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' Novembru 1998 fl-istess ismijiet precitati (Citaz. 667/87NA), saret res gudikata, huwa null u bla effett limitatament f'dik it-taqsima ossia parti tal-kuntratt Ii qedha tassenja xi propjetajiet immoboljari lir-rikorrenti b'mod Ii r-rikorrenti hadu inqas minn dak li gie ordnat favurihom mill-Qorti bis-sentenzi precitat, minhabba zball, u dan ai termini tal-artikoli 974 u 976 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Tordna konsegwentament ir-rexxissjoni tal-kuntratt ta' divizjoni precitat tat-2 ta' Dicembru 2005 ai termini tal-artikoli 1211, 1222 u 1223 tal-Kap. 16 ghar-ragunijiet fuq imsemmija u tiffissa gumata, hin u lok ghal pubbblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt ta' rexxissjoni.
3. Tinnomina Nutar ghall-pubblikazzjoni tal-att opportun ta' rexxissjoni u kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci fuq il-kuntratt ta' rexxissjoni opportun.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament l-esponenti Mario Spiteri, Emanuel sive Noel Spiteri, Maria Lourdes Spiteri u Rita Mangion m'humhiex legittimi kontradittur tal-atturi u gew citati in gudizzju inutilment billi ma kienux partijiet komparenti fuq il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza datat 2 ta' Dicembru 2005;

2. Illi fil-mertu u rminghajr pregudizzju ghall-prerness, il-kunsens tal-atturi ma seta' qatt kien ivvizzjat b'ebda zball stante li l-kuntratt attakkat permezz ta' dawn il-proceduri jikkonforma ghal kollox ma' dak li gie dispost fis-sentenzi wara l-kawza fl-ismijiet Paolo Borg v. Salvu Spiteri (Citazzjoni Numru 667/87NA) fl-istadju tal-prim' istanza, fl-istadju tat-tieni istanza u anki fl-istadju tar-ritrattazzjoni;

3. Illi fi kwalsijasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess l-allegazzjoni tal-atturi li kunsens taghhom kien vizzjat rminhabba zball hija fi kwalsijasi kaz infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi provat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett d'ostakolo.

**Ikkunsidrat**

L-atturi qed jitolbu fil-qosor li kuntratt pubbliku ta' divizjoni datat 2 ta' Dicembru 2005 fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza jigi dikjarat null u ghalhekk rexiss ghaliex fih zball in substantiam billi fil-parti assenjata lilhom huma hadu inqas minn dik ordnat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza ta' divizjoni 667/87NA deciza fit-30 ta' Ottubru 2001.

Din hi l-bazi tal-azzjoni attrici, liema azzjoni trid tinqasam f'zewg partijiet bl-ewwel parti fejn jigi kunsidrat u stabbilit jekk fil-fatt dak ordnat fis-sentenza ta' divizjoni hux rifless fil-kuntratt ta' divizjoni u f'kaz ta' ezitu posittiv jekk dan jikkostitwix zball fis-sustanza ai termini tal-artikolu 974 u 976 tal-Kap. 16.

**Eccezzjoni preliminari**

Qabel ma jigi kunsidrat il-mertu l-konvenuti ghamlu eccezzjoni preliminari. Qed ighidu illi l-konvenuti Mario Spiteri, Emanuel sive Noel Spiteri, Maria Lourdes Spiteri u Rita Mangion mhumiex legittimi kontradittturi billi ma kienux parti mill-kuntratt li qed jintalab ir-rexizzjoni tieghu.

L-atturi huma siekta dwar din l-eccezzjoni. Il-Qorti rat li l-kawza ta' divizjoni (fol. 56 tal-process) saret bejn Paolo Borg u Tanya Falletta kontra Salvu Spiteri. Il-kuntratt ta' divizjoni mertu tal-kawza odjerna (fol. 4 tal-process) saret bejn l-istess nies hlief li ma' Paolo Borg dehret martu, ma' Saviour Spiteri dehret martu u ma' Tanya Falletta deher zewgha. Dawn il-konjugi dehru ghal finijiet ta' kompletezza procedurali formali ghal finijiet tal-kuntratt. Il-konvenuti l-ohra li ghalihom qed issir l-eccezzjoni preliminari ma jssemmew u jidhru imkien. Ghalhekk jidher car li dawn il-konvenuti gew imharka inutilment u qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

**Mertu**

L-atturi qed jallegaw li fil-kuntratt ta' divizjoni nghataw inqas minn dak moghti lilhom fis-sentenza tal-Qorti. L-att promotur ma jaghti ebda indikazzjoni f'hiex kien jikkonsisti dan in-nuqqas u hi prova fattwali li trid issir mill-atturi stess. L-affidavit tal-

attur a fol. 95 et seq. tal-process u n-noti ta’ sottomissjonijiet finali tal-atturi a fol. 215 et seq. tal-process jaghtu indikazzjoni cara tal-allegat diskrepanza.

Fl-affidavit tieghu l-attur Paolo Borg jiccita dak li qalu l-periti gudizjarji fir-relazzjoni taghhom addottata bhala l-bazi tas-sentenza ta’ divizjoni, cioe li l-konvenut Spiteri kellu jigi assenjat tlett porzjonijiet tal-basement cioe parti minn plot 14, plot 15 u 16 u li jista’ jaccedi ghalihom minn plot 17 li giet ukoll assenjata lilu. Hi l-kontenzjoni tal-attur illi dan ifisser li l-konvenut ma kien ser ikollu ebda dritt ta’ access mill-passagg ezistenti fuq in-naha tax-xellug tal-porzjoni rimanenti ta’ plot 14 hekk kif thares lejha minn Triq Swieqi liema porzjon ta’ plot giet assenjata lil attur Borg. L-attur izid li l-istess periti gudizjarji qalu li ebda servitu ta’ passagg ma hu ser jinholoq jekk isehh il-ftehim.

Skond l-attur id-diskrepanza qeghda fil-fatt li fil-kuntratt ta’ divizjoni l-porzjoni A assenjata lil attur Borg fit-tieni paragrafu fit-12-il linja jinghad hekk:

> Il-plot numru erbatax ittra A (14A) hija accessibbli minn grada u passagg minn Swieqi Road, taht il-plot numru tlettax (13) liema passagg iservi wkoll ta’ access ghar-rimanenti parti tal-basement fuq ix-xellug int u diehel …

Skond l-attur dan ifisser li peress li l-parti tal-basement fuq ix-xellug gie assenjat lil konvenut Spiteri skond l-istess sentenza, allura l-konvenut kien ser ikollu access mill-passagg msemmi, u b’hekk il-kuntratt ma jirriflettix is-sentenza, tant li skond is-sentenza l-plot 14 li nqasmet bejn l-attur Borg u l-konvenut Spiteri kellu jittella hajt li skond l-attur ittella minnu stess.

Din ix-xiehda tikkuntrasta ftit man-nota ta’ sottomissjonijiet ghax ghalkemm il-kontenzjoni tidher cara li hi biss fuq id-dritt ta’ access tal-konvenut Spiteri mill-passagg fuq ix-xellug ta’ parti minn plot 14 li messet lil attur Borg, skond l-attur s-sentenza eliminat dan id-dritt ghax il-konvenut Spiteri kellu access ghal plots assenjati lilu minn plot 17 li jigi fuq ix-xellug tal-passagg. Dan ma hux minnu ghax jekk wiehed jara l-pjanta riportata diversi drabi fil-process indikata bhala Dok. MR (a fol. 138 tal-process) msemmija fil-kuntratt ta’ divizjoni Triq Swieqi qeghda fil-parti ta’ isfel tal-pjanta u l-porzjonijiet li messew lil konvenut Spiteri huma fuq il-lemin tal-access tal-passag kontestat u mhux fuq ix-xellug.

In-nota ta' osservazzjonijiet tal-istess atturi isemmi l-partijiet rilevanti tal-relazzjoni peritali u jissottometti kif gej:

> Illi minn dawn il-kostatazzjonijiet – addottati in toto fis-sentenza tat-30 ta' Novembru, 1998 li ormai hi res iudicata bejn il-kontendenti in segwitu ghal proceduri ta' appell u ohrajn ta' ritrattazzjoni – turi li l-passagg fuq ix-xellug tal-plot 14A, flimkien ma' l-istess plot (flimkien ma' plot 18 u garages taht plots 4 u 5) gew assenjati lill-attur Paolo Borg u li tali proprjeta ma kienet soggetta ghal ebda servitu ta' passagg minn fuqhom, jew parti minnhom, a favur tal-konvenut Salvatore Spiteri, stante, kif peritalment konstatat, dan kellu l-access proprju tieghu minn fuq plot 17 (lilu wkoll assenjat).
>
> L-att nutarili tat-2 ta' Dicembru, 2005, inter alia, dwar il-porzjon assenjata lill-attur Paolo Borg ighid illi, "Il-plot numru erbatax ittra A (14A) hija accessibbli minn grada u passagg minn Swieqi Road, taht il-plot numru tlettax (13) liema passagg iservi wkoll ta' access ghar-rimanenti parti tal-basement fuq ix-xellug int u diehel".
>
> Illi din il-parti tal-kuntratt ta' divizjoni taghti lok ghall-jedd ulterjuri ta' passagg (in aggjunta mal-passagg godut minn fuq plot 17) a favur tal-konvenut Salvatore Spiteri.

Din il-Qorti mhix konvinta li l-kuntratt wera xi diskrepanza minn dak deciz fis-sentenza ta' divizjoni. Jibda biex jigi iccarat illi bejn il-partijiet kien hemm immobbli iehor fl-istess territorju li ma kienx jifformaw parti minn din id-divizjoni u ghalhekk id-divizjoni kienet limitata biss ghal dawk il-partijiet maqsuma fil-kawza mertu tal-kuntratt ta' divizjoni. Tant hu hekk illi l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tghid hekk:

> Jigi rilevat illi bl-iskrittura tal-21 ta' Settembru, 1977 il-partijiet ftehmu bonarjament kif kellha ssir id-divizjoni tal-partijiet mill-istess territorju. Dana s'intendi wara li diga' kienu ghamlu qasma ta' partijiet ohra mill-istess territorju. Salv il-qasma ta' dawn il-partijiet formanti parti mill-kawza prezenti, effettivament dak li jifdal komuni huwa kif xehdu, kemm l-attur kif ukoll il-konvenut, il-fond "Gardens Club" u s-swimming pool li huma it-tnejn mikrija.
>
> Ma tiskanta xejn ghalhekk din il-Qorti kif fl-ezercizzju li ghamel il-perit nominat mill-ewwel Qorti kif wasal ghal-konkluzzjonijiet li hemm fir-rapport tieghu li gew addottati mill-ewwel Qorti. Fil-fatt huwa dan li jaghmel sens u mhux dak li qed jigi sottomess illum u li, cioe', li ddivizjoni fit-termini ta' din l-istanza ghandha tinkludi wkoll il-parti l-ohra li thalliet barra u ssemmiet. Wara kollox din il-Qorti tirribadixxi li ghaliha hu mportanti hafna, u ferm aktar minn dak li jidher li kien important ghall-ewwel Qorti, il-fatt kif inhija koncepita c-citazzjoni li, ghalkemm huwa veru li fil-parti relattiva ghad-domanda setghet kienet aktar preciza, ciononostante huwa evidenti li tirrifletti l-intenzjoni li kellhom il-partijiet meta lahqu l-ftehim permezz ta' l-iskrittura hemm indikata, u li cioe' jiddividu bejnethom dak li hemm deskritt hemmhekk u mhux l-art kollha li wara kollox diga' in parti kienet giet diviza.

Precizat dan, il-Qorti issa trid thares lejn dak deciz mill-Qorti fis-sentenza tat-30 ta’ Novembru 1998 (fol. 44 et seq. tal-process) kif konfermata fis-sentenza tal-Appell tat-30 ta’ Ottubru 2001.

Il-Qorti ddecidiet hekk:

> Tawtorizza u tordna d-divizjoni tal-korp mill-klawsura fil-limiti ta’ San Giljan fil-kwoti kif indikati mill-istess Periti a fol. 109, 110 u 111 tar-relazzjoni taghhom biex b’hekk jigu assenjati lill-attur u lill-konvenut il-fondi hemm deskritti u bil-mod kif deskritti u bl-ekwiparazzjoni minnhom indikata liema divizjoni ghandha ssir skond il-pjanta maghmula mill-Perit Tekniku esebita fil-process a fol. 112, 113, 114 u 115 (Dok. MR)

Harsa issa lejn dak deciz mill-perit tal-Qorti jirrizulta li gej:

> Fil-qosor: il-basement “taht il-plots 14, 15 u 16 huwa fil-fatt parti minn fond akbar u li l-kumplament tieghu ma jiformax parti mill-bini nkluzi fil-ftehim. Fil-fatt, dana ma huwa basement xejn izda ambjent kbir fi stat "shell" fil-livel tat-triq vis-a-vis Triq is-Swieqi. Huwa basement jekk jigi ikkunsidrrat il-livell tieghu rispettivament ghat Triq il-Hawt. Mandan kollu, ghalll-iskop tar-relazzjoni prezenti ser jibqa’ jigi imsejjah “basement”. Dawn it-tlett porzjonijiet tal-basement ghandhom passagg fuq ix-xellug tal-plot 14 hekk kif thares lejn il-proprjeta minn Triq is-Swieqi; u dan il-passagg iservi wkoll ta’ access ghar-rimanenti part ital-basement li ma hix involuta il-kwistjoni odjerna. Fuq il-lemin ta’ dawn it-tlett plots, u cioe fuq il-lemin tal-plot 16, hernm plot li ghadha ma hix zviluppata u li ghandha faccata ghal Triq is-Swieqi. Dana huwa spjegat ahjar fil-pjanta Dok. P. 7 a fol. 38 tal-process li kienet giet ezibita “animo rittirandi”mill-attur. Fuq din il-pjanta l-espontent perit tekniku qed izid il-kliem “Triq is-Swieqi” u passagg ghal Triq is-Swieqi”.
>
> Ghaldaqstant, min ser imissu l-estremita xellug tal-plot 14 ser ikollu access ghaliha minn dan il-passagg. Skond il-ftehim, il-plot 14 ghandha tinqasam f'mod indikat fl-istess ftehim; u il-parti xellug giet giet assenjata lill-attur. Ir-rimanenti parti tal plot 14 flimkien mal-plots 15 u 16 gew assenjati lill-konvenut. Jekk il-qasma isegwi l-ftehim, il-konvenut ikun jista jaccedi ghal dawn it-tlett porzjonijiet tal-basement minn fuq il-plot 17 li wkoll giet assenjata lilu, li hija fl-istess livell tal-basement, li gja ghandha zewg bibien miftuhin ghal fuqha mill-plot 16, u li ghandha faccatta ghal Triq is-Swieqi.
>
> B'hekk, ebda servitu ta' passagg ma hu ser jinholoq jekk isehh il-ftehim
>
> Dwar il-plot 18 li hija allokata lill-attur skond il-ftehim, ma hernrn ebda problemi ta' access peress li din ukoll ghandha faccata ghal Triq is-Swieqi. U l-attur gie assenjat ukoll bl-istess ftehim bicca art ohra fuq il-lemin tal-plot 18 li hija ta’ forma trappezojdali u li wkoll ghandha faccata ghal Triq is-Swieqi.

Din ir-relazzjoni teknika fil-parti li tinteressa din il-vertenza tistabilixxi s-segwenti principji cioe:

1. Li fuq ix-xellug tal-plot 14 thares minn Triq is-Swieqi hemm passagg li kien iservi ghal tlett plots cioe 14, 15 u 16 u wkoll ta' access ghar-rimanenti parti tal-basement li ma hix involuta fil-kwistjoni odjerna;
2. Illi min messu l-estremita xellug tal-plot 14 (cioe l-attur) kien ser ikollu access mill-passagg;
3. Min messu l-bqija tal-plot 14, 15 u 16 (cioe l-konvenut) seta' jaccedi ghalihom minn plot 17 assenjata wkoll lil konvenut u ghalhekk ebda servitu ta' passagg ma kien ser jinholoq. Dan is-servitu ta' passagg jirreferi ghal passagg imsemmi aktar il-fuq, mertu tal-kontestazzjoni odjerna.

Kwindi hu car illi safejn jirrigwarda l-qasma ta' dawn il-plots il-konvenut ma kellu jinghata ebda access ghal plots 14 (fil-parti li messet lilu), 15 u 16 mill-passagg ezistenti u li jidher fuq Dok. MR.

Harsa lejn il-kuntratt ta' divizjoni fil-parti A li messet lil attur jinghad hekk:

> Il-plot numru erbatax ittra A (14A) hija accessibbili minn grada u passagg minn Swieqi Road, taht il-plot numru tlettax (13) liema passagg iservi wkoll tal access ghar-rimanenti parti tal-basement fuq ix-xellug int u diehel, konfinanti mil-lvant in parti mal-parti mal-parti mill-basement mibni fuq il-plots ta' l-istess ghalqa, cioe' mibni fuq il-plots li jgibu n-numri ghaxra (10), hdax (11) u tlettax (13) u in parti mal-passagg indikat, min-nofsinhar mas-"swimming pool" tal-"Giardino Restaurant" ta'·proprjeta' tal Paul Borg u Salvatore Spiteri, u mill-punent mal-parti l-ohra tal-basement li sejra tigi assenjata lill-komparenti Salvatore Spiteri li tidher markata numru erbatax ittra K (14K) fuq il-pjanta MR hawn annessa.

Huwa car mill-kliem uzat illi l-kliem 'il-passagg iservi wkoll ta' access ghar-rimanenti parti tal-basement fuq ix-xellug int u diehel' hi riferenza mhux ghal plots 14 (fil-parti li ttiehdet mill-konvenut u plots 15 u 16, li ghandhom access minn plot 17 li qeghdin fuq il-lemin tal-passag int u thares lejn minn Triq Swieqi, skond ir-relazzjoni peritali formanti parti mis-sentenza tal-Qorti fil-Prim Istanza konfermata fl-appell izda ghal parti tal-basement fuq ix-xelluq tal-istess passagg.

Il-kliem uzat min Nutar fil-kuntratt ta' divizjoni jirrispekkja precizament dak li hemm indikat fir-relazzjoni peritali konfermat bhala l-qasma fis-sentenza ta' divizjoni.

Il-Qorti mhix ser tidhol fil-kwistjoni jekk fil-fatt hemmx proprjeta ohra fuq ix-xellug tal-passagg formanti parti mill-basement li mhux parti mill-kontestazzjoni riferibbli ghal qasma. Dan mhux il-kompitu tal-Qorti. Il-kawza hi cirkoskritta sabiex jigi deciz jekk il-kuntratt jirrispekkjax is-sentenza. Jekk ghal grazzja tal-argument biss hemm zball fis-sentenza hi konsiderazzjoni li tesorbita mill-kwezit post quddiem il-Qorti.

Jinghad ukoll li meta fil-kuntratt ta' divizjoni gew assenjati lil-konvenut Spiteri l-plots 14 (in parti) 15 u 16 ma sar ebda accenn li dawn ghandhom xi access mill-passagg in kwistjoni, u ghalhekk il-qasma qed tirrispekkja l-kontenut tad-decizjoni.

Hi bla bazi ghalhekk l-allegazzjoni tal-attur Borg li hu nghata anqas minn dak deciz mill-Qorti billi fil-kuntratt ta' divizjoni l-konvenut Spiteri ma nghatax ebda hjiel ta' access mill-passagg mertu ta' din il-kawza ghal plots 14, 15 u 16 li messew lilu. L-uniku dritt ta' access ghal passagg gie riservat biss, jekk jirrizulta (billi mhux parti mill-mertu ta' dawk il-proceduri) ghal parti ohra mill-basement <u>fuq ix-xellug tal-passagg</u> mhix formanti parti mill-mertu tal-kawza u kuntratt ta' divizjoni mertu ta' din il-vertenza.

In kwantu ghal attrici Falletta, ma ngiebet ebda prova kwalsiasi da parti taghha fejn jikkonsisti l-izball u nuqqas fil-porzjon assenjat lilha u ghalhekk il-Qorti qed tiskarta l-allegazzjoni taghha ghax lanqas saret precizazzjoni fejn jikkonsisti l-izball.

Billi ma jirrizulta ebda zball bejn dak kontenut fid-decizjoni tal-Qorti tat-30 ta' Ottubru 2001 u l-kontenut ta' divizjoni tat-2 ta' Dicembru 2005, ma hemmx lok li din il-Qorti tikkunsidra jekk l-izball iwassalx ghan-nullita tal-kuntratt.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut dwar il-legittimu kontradittur, u tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lil konvenuti Mario Spiteri, Emanuel sive Noel Spiteri, Maria Lourdes Zammit u Rita Mangion, u tilqa' l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti Spiteri, u tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------